MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 71/2013

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Gaetan Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 5372 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minn Gunju 2012 sa Settembru 2012, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti Carol Gatt u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-

jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu tlitt (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lir-rikorrenti hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tirriformaha ghal dik li hija l-piena inflitta ta' tliet xhur prigunerija u dana billi taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa li t-tlett xhur impost fuq ir-rikorrenti kienu ghal kollox ezagerati tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

Ikkonsidrat

Li mix-xhieda ta' Carol Gatt (17 t'Apruil, 2013) jirriżulta li x-xhud ma tħallsitx total ta' 320 Ewro għax xhur ta' Ġunju 2012, Lulju 2012, Awwissu u Settembru 2012. Dan il-manteniment huwa dovut lit-tifla tagħha Maria Gatt. Hija qalet ukoll li fit-3 t'April, 2013 l-appellant kien ħallas għall-Ottubru, Novembru, u Diċembru 2012. Hija kienet tat ċans lir-raġel tagħha iħallasha għaliex taf li billi żewġha jintbagħat fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin hija m'hi ser tieħu xejn.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li hija ma kellhiex idea li l-flus li għandu żewġha l-bank kienu maqbudin.

Din il-Qorti tat differimenti oħra sabiex forsi jkun imħallas kollox iżda ma jidhirx li sar il-ħlas għax-xhur indikati fiċ-ċitazzjoni.

Waqt li din il-Qorti tifhem li l-appellant seta' kien f'pożizzjoni li ma setax iħallas. Iżda l-appellant naqas li jimxi mad-digriet tal-manteniment. Huwa seta adixxa l-Qorti kompetenti sabiex l-ammont jinbidel jekk ikun il-każ iżda dwar l-Qorti ma semgħet xejn dwar it-tali rikors..

**Konklużjoni**

Il-Qorti qed tikkonsidra li sar il-ħlas għax-xhur ta' wara għalkemm dan jidher li ma jimxix in linea ma' dak li jipprovdi l-artikolu 1171 (f)(g) tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma tistax tinjora li hawn japplikaw kemm l-artikolu 18 tal-Kap 9 kif ukoll l-artikolu 31(1)(g) tal-Kap 9. Għaldaqstant il-Qorti ser tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fit-30 ta' Jannar 2013 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih iżda qed tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal tliet xhur priġunerija u minflok qed tikkundannah għal xahrejn priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------